

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Settembru 2009 — Lorenz Shoe Group vs UASI — Fuzhou Fuan Leather Plastics Clothing Making (Ganeder)**

(Kawża T-374/09)

(2009/C 282/106)

Lingwa tar-rikors: Il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Lorenz Shoe Group AG (Taufkirchen, l-Awstrija)  
(rappreżentant: M. Douglas, Rechtsanwalt)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Fuzhou Fuan Leather Plastics Clothing Making Co. Ltd (Fujian, ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell, tas-16 ta' Lulju 2009, fil-Każ R 1289/2008-1;

— tikkundanna lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Fuzhou Fuan Leather Plastics Clothing Making Co. Ltd

Trade mark Komunitarja kkonċernata: It-trade mark verbali "Ganeder" għal prodotti fil-klassijiet 14, 18 u 25 (Applikazzjoni Nru 5 108 774)

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Ir-rikorrenti (li kienet shoe fashion group LORENZ AG)

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: It-trade mark verbali "Ganter" għal prodotti fil-klassi 25 (Trade mark Komunitarja Nru 469 262) sa fejn l-oppożizzjoni hija intiża biss kontra r-reġistrazzjoni ta' prodotti f'din il-klassi

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: Oppożizzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Appell miċħud

Motivi invokati: Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009<sup>(1)</sup> peress li hemm probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks kunfliġġenti

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 2009, p. 1)

**Rikors ippreżentat fil-25 ta' Settembru 2009 — Glenton España vs UASI — Polo/Lauren (POLO SANTA MARIA)**

(Kawża T-376/09)

(2009/C 282/107)

Lingwa tar-rikors: L-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Glenton España, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: E. Armijo Chávarri u A. Castán Pérez-Gómez, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: The Polo/Lauren Company L.P. (New York, l-Istati Uniti)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tilqa' r-rikors;

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tat-18 ta' Ġunju 2009, fil-Każ R 594/2008-2;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: It-trade mark figurattiva "POLO SANTA MARIA" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 18, 25, 36, 41 u 43

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Ir-reġistrazzjoni fil-Benelux tat-trade mark figurattiva "rappreżentazzjoni ta' siluwett ta' plejer tal-polo" għal prodotti fil-klassijiet 18 u 25

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* Oppożizzjoni milqugħa fir-rigward tal-prodotti kkontestati kollha

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* Deċiżjoni appellata parzjalment annullata

*Motivi invokati:* Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill 207/2009 peress li l-Bord tal-Appell sostna b'mod żbaljat li kien hemm probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks ikkonċernati

### **Rikors ippreżentat fid-29 ta' Settembru 2009 — Mövenpick-Holding vs UASI (PASSIONATELY SWISS)**

(Kawża T-377/09)

(2009/C 282/108)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

#### **Partijiet**

*Rikorrenti:* Mövenpick — Holding AG (rappreżentant: Rechtsanwältin M. Taxhet)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

#### **Talbiet tar-rikorrenti**

— tbiddel id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern, tat-23 ta' Lulju 2009, u tippubblika l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark "PASSIONATELY SWISS" (Applikazzjoni Nru 6 701 031);

— sussidjarjament, tiddikjara li l-Artikolu 7(1)(b) u (ċ) u l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 ma jipprekludux ir-reġistrazzjoni tat-trade mark, tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern tat-23 ta' Lulju 2009 u tirrinwija l-każ quddiem il-Bord tal-Appell;

— sussidjarjament, tbiddel id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern, tat-23 ta' Lulju 2009, u tippubblika t-trade mark PASSIONATELY SWISS (Applikazzjoni Nru 6 701 031), flimkien mal-istqarrija tar-rikorrenti li timpenja ruħha li tirrinwija għal kull dritt esklużiv fuq l-element SWISS tat-trade mark imsemmija hawn fuq;

— sussidjarjament, tiddikjara li l-Artikolu 7(1)(b) u (ċ) u l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 40/94 ma jipprekludux ir-

reġistrazzjoni tat-trade mark supplimentata bl-istqarrija tar-rikorrenti li timpenja ruħha li tirrinwija għal kull dritt esklużiv fuq l-element SWISS tat-trade mark imsemmija hawn fuq, tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern tat-23 ta' Lulju 2009, u tirrinwija l-każ quddiem il-Bord tal-Appell;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

#### **Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali "PASSIONATELY SWISS" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 16, 35, 41, 43 u 44 (Applikazzjoni Nru 6 701 031)

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* Applikazzjoni għal reġistrazzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* Appell miċħud

*Motivi invokati:* Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (ċ) tar-Regolament Nru 207/2009 <sup>(1)</sup>

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).

### **Rikors ippreżentat fit-30 ta' Settembru 2009 — SPAR vs UASI — SPA Group Europe (SPA GROUP)**

(Kawża T-378/09)

(2009/C 282/109)

Lingwa tar-rikors: Il-Ġermaniż

#### **Partijiet**

*Rikorrenti:* SPAR Handelsgesellschaft mbH (Schenefeld, il-Ġermanja) (rappreżentanti: R. Kaase u J.-C. Plate, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* SPA Group Europe Ltd & Co. KG (Nürnberg, il-Ġermanja)

#### **Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tas-16 ta' Lulju 2009, fil-Każ R 123/2008-1 minħabba ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 <sup>(1)</sup>;